MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX)

# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)

# (SEZZJONI GENERALI)

## MAGISTRAT DR.

## PAUL COPPINI

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2014

Rikors Numru. 76/2004/2

**Victoria mart Joseph Cacciattolo**

**Maria Dolores armla ta' Carmelo Attard;**

**Victor iben il-mejjet Antonio Attard;**

**Angela mart Emanuel Azzopardi**

**vs**

**Maryanna mart George Attard;**

**Reġistratur tal-Qorti għal Għawdex**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Victoria Cacciattolo u ħutha tal-21 ta' Mejju 2014 li permezz tiegħu wara li ppemettew:

1. Illi fl-ewwel lok l-esponenti jirrilevaw illi nhar id-19 ta' Diċembru 2013 huma u l-avukati tal-partijiet fil-kawża fuq ċitata kienu irċievu ittra mingħand Deputat Reġistratur tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (kopja annessa u mmarkata 'Dok. B') sabiex jiġi dikjarat il-valur tal-kawża permezz ta' nota konġuntiva u dan sabiex ikun jista' jiġi intaxxat id-dritt tar-reġistru u dak tal-avukati. Ingħad f'dik l-ittra illi din in-nota konġuntiva kellha tiġi ffirmata mill-avukati u mill-partijiet. Ingħad ukoll fl-istess ittra illi fin-nuqqas ta' dikjarazzjoni ser jiġi ntaxxat total ta' 1,048.21 bħala dritt tar-Reġistru, u ċioe, l-minimu skont it-Tariffa A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi fil-fatt, l-esponenti għażlu li ma jagħmlu ebda dikjarazzjoni f'dan is-sens;

3. Illi fil-25 ta' Frar 2014 l-esponenti irċievew ittra oħra mir-Reġistratur tal-istess Qorti (kopja annessa u mmarkata 'Dok. C') fejn ġie mitlub lilhom il-ħlas ta' €2,607.75ċ bħala bilanċ ta' Dritt Reġistru fil-kawża fl-ismijiet premessi. Illi l-esponenti ma setgħux jifhmu mnejn ħareġ dan l-ammont, ġialadarba huma għażlu li ma jiddikjarawx valur;

4. Illi konsegwentement huma bagħtu għal spjegazzjoni mingħand ir-Reġistratur tal-Qorti (kopja tal-ittra annessa u mmarkata 'Dok. D'), pero' għadhom sal-lum mingħajr risposta;

5. Illi kien proprju wara li rċevew l-ittra uffiċċjali 'l fuq imsemmija li l-esponenti ntebħu li, <u>ad insaputa tagħhom u mingħajr ebda kunsens da parti tagħhom</u>, saret nota konġuntiva fis-17 ta' Jannar

2014 fejn ġie dikjarat illi l-valur mertu tal-kawża kien jammonta għal €175,000 (kopja ta' din in-nota konġunta annessa u mmarkata 'Dok. E');

6. Illi ulterjorment l-esponenti jirrilevaw illi huma ma baqgħux patroċinati mill-Avukat Dottor Luciano Busuttil stante li minn jeddhom ħadu r-*release* mingħandu ftit taż-żmien wara li ngħatat is-sentenza fuq ċitata u għaldaqstant ma jistgħux jifmhu kif dan, unilateralment u mingħajr konsultazzjoni ta' xejn, qabad u ffirma din in-nota;

7. Illi ulterjorment u mingħajr ebda' preġudizzju għas-suespost l-esponenti lanqas ma jistgħu jifmhu minn fejn jew fuq liema bażi ħarġet din il-figura ta' €175,000 ġialadarba din ma tirriżultax mill-atti tal-kawża fuq ċitata;

8. Illi wkoll, u assolutament mingħajr ebda' preġudizzju għas-suespost, l-ammont ta' €2807.40ċ bħala dritt tal-Avukat hija eċċessiva meta maħduma fuq il-valur ta' €175,000 skont it-Tariffa E tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

9. Illi wkoll, u assolutament mingħajr ebda' preġudizzju għas-suespost, l-ammont ta' €2607.75ċ reklamat mir-Reġistratur tal-Qorti għal Għawdex huwa eċċessiv għaliex, qabel xejn, għandhom jitnaqqsu minn dan l-ammont is-somma ta' 712.79ċ, liema somma ġiet imħallsa mill-esponenti bħala dritt tar-Reġistru għal preżentata tar-Rikors Ġuramentat, u dan *ai termini* tar-Artikolu 4(3) tat-Tariffa A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

10. Illi għal dawn ir-raġunijiet kollha suesposti l-esponenti assolutament ma humiex qed jaqblu mal-ammont intaxxat u qegħdin iresqu l-kontestazzjoni tagħhom ai termini tal-Artikolu 64 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti, għar-raġunijet kollha premessi:

1. Tiddikjara illi n-nota konġuntiva tas-17 ta' Jannar 2014 li fiha ġie ddikjarat l-ammont ta' 175,000 bħala l-valur mertu tal-kawża fl-

ismijiet Carmelo Attard et vs Maryanne Attard' (Ċitazz Nru 76/2004) hija nulla u bla effett stante li din ġiet intavolata fl-atti ta' dik il-kawża mingħajr il-kunsens tal-esponenti u stante li l-valur hekk dikjarat huwa bla bażi;

2. Konsegwentement tiddikjara illi t-taxxa uffiċċjali tad-drittijiet ta' spejjeż maħruġa fil-21 ta' Frar 2014 in bażi tal-istess kawża ċitata inħadment fuq kriterji skorretti u/jew bla bażi fil-fatt u fid-dritt;

3. Tiddikjara illi effettivament kellu jiġi intaxxat il-minimu skont it-Tarfifa A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Fuq dan il-binarju, tordna r-ritassa fir-rigward tat-taxxa u drittijiet ta' spejje' maħruġa fil-21 ta' Frar 2014 in bażi tal-kawża fl-ismijiet 'Carmelo Attard et vs Maryanne Attard' (Ċitazz Nru. 76/2004);

5. Alternattivament, u mingħajr preġudizzju, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tiċħad l-ewwel erba (4) talbiet, tiddijara li l-ammon ta' €2,807.40ċ bħala dritt Avukat huwa eċċessiv meta kalkolat fuq il-valur ta' €175,000 skont it-Tariffa E tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll li l-ammont ta' €2,607.75ċ pretiż mir-Reġistratur tal-Qorti għal Għawdex bħala dritt tiegħu huwa ugwalment eċċessiv għaliex minn dan l-ammont għandu jitnaqqas is-€712.79ċ ġia mħallsa mal-preżentata tar-Rikors Ġuramentat fit-13 ta' Lulju 2004, u tordna, konsegwentement ir-ritassa f'dan is-sens.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati li huma minn issa nġunti in subizzjoni.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Dottor Luciano Busuttil li permezz tagħha wieġeb:

1. Illi l-avviż tas-smiegħ u l-appuntament flimkien mar-rikors ġie innotifikat fil-kamra ta' l-Avukati l-Belt Valletta nhar it-3 ta' Ġunju 2014 u l-esponenti ġie a konjizzjoni ta' din in-notifika llum 11 ta' Ġunju 2014. Qed ikun rilevat dan għaliex l-esponenti ma jistgħax jattendi għas-seduta tat-13 ta' Ġunju 2014 fil-11:00a.m.;

2. Ir-rikorrenti qatt ma talbu r-release mingħand l-avukat sottofirmat. Mhux talli hekk, talli saħansitra intavolaw proċeduri quddiem il-Kummissjoni ta' l-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja kontra s-sottofirmat – għax tilfu l-kawża;

3. Illi l-valur tal-proprjeta' in kwistjoni fil-kawża 74/2004 fl-ismijiet Attard Carmelo et vs Attard Maryanne deċiża fl-20 ta' Marzu 2013 kien dak ta' Lm90,000 kif indikat mill-istess rikorrenti u ċioe €210,000 – kwindi l-valur mogħti ta' €175,000 huwa aktar milli ġust. Dan il-valur pretiż mir-rikorrenti jista' jkun ikkonfermat mill-atti tal-kawża innifisha u senjatament l-affidavits tagħhom stess.

Rat ir-Risposta tar-Reġistratur tal-Qorti ta' Għawdex li permezz tagħha eċċepiet:

1. Preliminarjament, l-inkompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti *ratione valoris;*

2. Preliminarjament ukoll, dan ir-rikors huwa tardiv ai termini tal-artikolu 64 tal-Kap. 12;

3. Illi bla preġudizzju għas-suespost, it-taxxa in kwistjoni ġiet maħduma korrettament u l-valur li fuqu nħadmet it-taxxa huwa ekwu u dan kif ser jiġi ppruvat fil-kors tat-trattazzjoni tar-rikors;

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-risposta ta' Maryanne Attard li biha qalet:

1. Illi fl-ewwel lok jiġi rrilevat ili dan ir-rikors kellu jsir quddiem il-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Inferjuri u għalhekk din l-Onorabbli Qorti ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tisma' dan ir-rikors u għandha tiskartah minnufih;

2. Illi in oltre' huwa ben saput illi l-Avukat jaġixxi bħala mandatarju tal-klijenti tiegħu u f'dan il-każ l-esponenti ma kellhix għalfejn tiffirma n-nota tal-valur stante li hija għandha fiduċja sħiħa fil-legali tagħha u ma għandha l-ebda kontestazzjoni għall-ammont iddikjarat fin-nota tal-valur relattiva;

3. Illi l-esponenti tagħmel referenza għal dak li qalet il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha tas-17 ta' Novembru 2011 fil-kawża fl-ismijiet 'Emanuel Beck vs Dr. Etienne Calleja et; fejn il-Qorti ġustament irriteniet:

   "Bħala regola mea l-valur ma jirriżultax determinat mill-premessi jew mit-talbiet, wieħed ikolu jirrikorri għall-att: '... meta mill-massa litiġjuża jkun jidher x'kien il-valur in kontestazzjoni, t-taxxa għandha tiġi fuqu regolata, ċioe' għandu jiġi studjat u eżaminat x'ikun l-oġġett tagħha. Minn dana jitnissel li l-eżami għandu jirraġġira ruħu dwar il-kumpless ta' dak li jkun in kontestazzjoni jew tal-quod disputatume est, li jista' **jiġi raġjonevolment indott jew determinat minn dak li jkun jirriżulta waqt id-dibattitu u l-istess trattazzjoni tal-proċess'** (Axiak vs Vella et – Prim Awla tal-Qorti Ċivili – 9 ta' Frar 1951 ...)"

4. Illi l-valur iddikjarat fin-nota ta' valur jirriżulta fil-fatt mill-atti u senjatament mill-affidavits tar-rikorrenti stess illi fil-mori tal-kawża kienu qed jallegaw illi l-intimata Mary Anne Attard telfithom il-bejgħ ta' ħamsa u disgħin elf lira Maltin (Lm95,000) pari għal mitejn u wieħed u għoxrin elf mitejn u disgħin Ewro (€221,290) u għaldaqstant il-valur iddikjara huwa iktar milli ġust;

5. Illi in oltre u mingħajr preġudizzju għal dak kollu suespost jekk dina l-Onorabbli Qorti għandha xi dubju dwar il-valur hija għandha taħtar perit tekniku sabiex jivvaluta l-fond mertu tal-kawża.

Rat id-digriet tagħha tat-13 ta' Ġunju 2014 fejn ħalliet ir-Rikors għal-lum għas-sentenza dwar l-eċċezzjonijiet preliminari.

Rat in-Noti tal-Osservazzjonijet rispettivi tal-partijiet dwar dawn l-eċċezzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi din hija proċedura ai termini tal-artikolu 64 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta li permezz tagħha qed tiġi kontestata taxxa maħruġa mir-Reġistatur wara li kienet ġiet deċiża minn din il-Qorti l-kawża ċitazzjoni numru 76/2004 fl-ismijiet: "Carmelo Attard et. vs Maryanne Attard" fl-20 ta' Marzu 2013.[1] Ir-rikorrenti qegħdin jikkontestaw din it-taxxa għad-diversi motivi kif indikati f'dan ir-Rikors tagħhom. Is-sentenza presenti tirrigwarda pero' l-eċċezzjonijet preliminari mqajjma mill-intimati.

Sew ir-Registatur tal-Qorti, kif ukoll l-intimata l-oħra Maryanne Attard eċċepew fl-ewwel lok l-inkompetenza ta' din il-Qorti li tieħu konjizzjoni tat-talbiet presenti. Huma jsostnu li ġialadarba l-ammont in kontestazzjoni ma jaqbiżx il-kompetenza ta' qorti inferjuri, u nfatti l-ammont globali ta' din it-taxxa jlaħħaq is-somma ta' €10126.79ċ, u allura huwa fil-limitu kontemplat fl-artikolu 47 tal-Kap.12, din il-proċedura kellha tiġi istitwita f'din il-Qorti fil-kompetenza inferjuri tagħha u mhux kif għamlu r-rikorrenti.

Dwar kwistjoni simili l-Qorti tal-Appell (Inferjuri), kienet qalet:

*"Kif osservat, jekk il-kreditu ta' Avukat jirrientra fil-kompetenza ta' Qorti Inferjuri, it-taxxa li minnha jirriżulta dak il-kreditu hija eżegwibbli mill-Qorti Inferjuri u mhux minn xi qorti ohra. 'Hu biżżejjed notorju li dik it-tassazzjoni mhix att tal-Qorti, imma hi att tar-Reġistratur…lill-Qorti jappartjeni biss il-konjizzjoni tal-kontrovesji relattivi għat-taxxi magħmula*

[1] Ara kopja ta' din it-taxxa esebita bhala Dok.A mar-rikors promotur

*mir-Reġistratur, meta tiġi mpunjata l-attentibilita' jew il-korretezza tagħhom minn min ikollu interess." Ara* ***'Lewis Borg –vs- Avv. Dr. Giuseppe V. Salomone'****, Prim'Awla, Qorti Civili, 23 ta' Frar, 1960. Ara wkoll għal dak li jiswa s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tat-28 ta' Jannar, 1920 fl-ismijiet '****Giovanni Galea –vs- Concetta Galea'.*** *Inċidentalment tant it-tassazzjoni hu att tar-Reġistratur li jingħad li "il-likwidazzjoni tad-drittijiet ġudizzjarji u anke l-ħruġ tat-taxxa kien att amministrattiv, anke jekk kważi ġudizzjarju.' Ara '****Aldo Laferla et –vs- Francis Scicluna et'****, Appell, 29 ta' Mejju, 1998."* [2]

F'dak il-każ, il-Qorti tal-Appell ikkonfemat li kienet kompetenti tieħu konjizzjoni tal-kwistjoni l-Qorti Inferjuri billi t-taxxa nvoluta ma kienitx taqbeż il-kompetenza ta' dik il-Qorti.

Għal kuntrarju fil-każ presenti din il-proċedura ġiet intavolata quddiem din il-Qorti, menti l-ammont ta' taxxa involut huwa ta' kompetenza ta' qorti inferjuri.

Għaldaqstant, tiddeċidi billi tilqa' l-eċċezzjoni tal-inkompetenza *ratione valoris* u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-Rikors.

L-ispejjeż, fiċ-ċirkostanzi, jibqgħu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[2] App.Inf. (Għawdex): Avukat Dottor Carmelo Galea vs Silvio Zammit u Regisratur tal-Qorti għal Għawdex: 15.07.2009